C/2024/6998

19.11.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11710 – OEP / E. WINKEMANN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/6998)

1. Fit-8 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara rinviju skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OEP Capital Advisors, L.P. ("OEP", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— E. Winkemann GmbH ("E. Winkemann", il-Ġermanja)

OEP se takkwista fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll ta' E. Winkemann kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— OEP hija ditta tal-ekwità privata f'suq medju ffokata fuq kombinazzjonijiet trasformattiva fis-setturi industrijali, tal-kura tas-saħħa u tat-teknoloġija fl-Amerka ta' Fuq u fl-Ewropa. OEP akkwistat u kkombinat kemm Associated Spring (manifattur ta' komponenti custom engineered iddisinjati għal medda ta' applikazzjonijiet industrijali, mediċi, ajruspazjali u tad-difiża, u awtomattivi) u s-sussidjarja tagħha Heinz Hänggi (attiva fis-settur ta' parts stampati u ffurmati, stampar bi preċiżjoni, stampar mikro, u l-assemblaġġ ta' unitajiet).

— E. Winkemann GmbH hija manifattur ta' prodotti tal-metall stampati bi preċiżjoni, primarjament għall-industrija tal-karozzi. Il-prodotti ewlenin tal-kumpanija jinkludu komponenti għal sistema tal-motopropulsjoni tal-karozzi, bħal gearbox, axel gear, teknoloġija tal-magni, xażi u soluzzjonijiet tal-elettromobbiltà. E. Winkemann għandha l-kwartieri tagħha fi Plettenberg, il-Ġermanja, u fl-2019 fetħet faċilità ta' manifattura f'Kunshan, iċ-Ċina.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11710 – OEP / E. WINKEMANN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Id-dettalji ta' kuntatt huma:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË